IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2017
COM(2017) 120 final

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI, LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Tweġibiet tal-Istati Membri għar-Rapport Annwali tal-2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

{SWD(2017) 101 final}

MT MT

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 1

2. TAQSIRA TAT-TWEĠIBIET TAL-ISTATI MEMBRI 1

2.1. IL-KAWŻI EWLENIN TAL-IŻBALJI U L-AZZJONIJIET LI JINDIRIZZAW L-IŻBALJI 1

2.2. L-EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE 5

2.3. SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QORTI LILL-ISTATI MEMBRI 8

3. KONKLUŻJONI 9

ANNESS I: RIŻULTATI KKONSOLIDATI GĦALL-ISTATI MEMBRI KOLLHA GĦALL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI U KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI 10

1. INTRODUZZJONI

Meta l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-Qorti) ippubblikat ir-Rapport annwali tagħha tal-2015 fit-13 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni skont ir-Regolament Finanzjarju[1] immedjatament infurmat lill-Istati Membri bid-dettalji tar-rapport li huma relatati mal-ġestjoni tal-fondi li huma responsabbli għalihom. L-Istati Membri kienu wkoll mistiedna jwieġbu għal kwestjonarju li jiffoka fuq tliet temi ewlenin:

(1) ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet għall-oqsma ta' nfiq prinċipali tal-UE f'ġestjoni kondiviża b'enfasi partikolari fuq il-kawżi ewlenin ta' żbalji;

(2) ir-rendiment tal-baġit tal-UE b'enfasi fuq naħa waħda tar-rabtiet bejn il-prijoritajiet tal-UE fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u prijoritajiet nazzjonali, u, min-naħa l-oħra tal-prestazzjoni fil-livell tal-proġetti f'ġestjoni kondiviża;

(3) is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Istati Membri.

Dan ir-rapport jagħti sommarju tat-tweġibiet tal-Istati Membri. Huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD), li jippreżenta t-tweġibiet tal-Istati Membri f'aktar dettall.

2. TAQSIRA TAT-TWEĠIBIET TAL-ISTATI MEMBRI

2.1. IL-KAWŻI EWLENIN TAL-IŻBALJI U L-AZZJONIJIET LI JINDIRIZZAW L-IŻBALJI

L-Istati Membri ġew provduti b'lista ta' 19-il eżempju[2] ta' kawżi ewlenin prinċipali ta' żbalji ta' legalità u regolarità fin-nefqa tal-UE u ġew mitluba biex jimmarkaw il-portata tar-rilevanza tagħhom billi jużaw il-kategoriji "kompletament rilevanti", "fil-biċċa l-kbira rilevanti", "rilevanti f'xi aspetti", u "mhux rilevanti". L-eżempji kienu bbażati fuq is-sejbiet li saru mill-Qorti u l-Kummissjoni kif ukoll riżervi fformulati fir-Rapporti ta' Attività Annwali tad-Direttorati Ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni fuq perjodu ta' sentejn.

It-tweġibiet konsolidati għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-Politika ta' Koeżjoni huma miġbura fil-qosor fit-***Tabella 1***, li turi l-erba' dikjarazzjonijiet ewlenin klassifikati mill-Istati Membri bħala "kompletament rilevanti" jew bħala "mhux rilevanti" Ħarsa ġenerali kkonsolidata tat-tweġibiet tal-Istati Membri hija pprovduta fil-***Grafika 1*** u fil-***Grafika 2*** fl-***Anness 1***.

[1] L-Artikolu 162(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

[2] SWD, paġna 114.

It-Tabella 1 — Kawżi ewlenin ta' żbalji fil-PAK u l-Politika ta' Koeżjoni skont it-tweġibiet tal-Istati Membri

Dikjarazzjonijiet meqjusa aktar frekwenti mill-Istati Membri bħala "kompletament rilevanti"	**Dikjarazzjonijiet meqjusa aktar frekwenti mill-Istati Membri bħala "mhux rilevanti"**
• **Dikjarazzjoni 17** "Hemm bżonn ta' aktar inizjattivi biex tiġi żgurata simplifikazzjoni ġenwina għall-benefiċjarji u l-implimentazzjoni tal-programmi" (15-il Stat Membru — BE, BG, CY, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HU, LU, PT, RO, SE, UK) • **Dikjarazzjoni 1** "In-numru u l-kumplessità tar-regoli u regolamentazzjoni żejda" (9 Stati Membri — AT, CZ, DE, EL, ES, FI, FR, LU, SE) • **Dikjarazzjoni 11** "Ħtieġa ta' sensibilizzazzjoni; taħriġ immirat, u, l-iżvilupp u t-twassil ta' appoġġ u gwida metodoloġiċi dettaljati għall-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u l-benefiċjarji finali" (8 Stati Membri — BE, BG, CY, EE, EL, PL, RO, SK) u **Dikjarazzjoni 18** "Skambju tal-għarfien u l-esperjenza, u t-tixrid ta' prattiki tajba fil-livell nazzjonali u / jew fil-livell tal-UE dwar it-titjib ta' dgħufijiet mifruxa / nuqqasijiet/żbalji" (8 Stat Membri — BE, CY, EL, LU, PT, RO, SK, UK) li għandhom l-istess piż • **Dikjarazzjoni 12** "Hemm bżonn ta' aktar riżorsi jew riżorsi aħjar u l-bini tal-kapaċità amministrattiva" (6 Stati Membri — ES, HR, IT, PT, RO, SK)	• **Dikjarazzjoni 2** "Traspożizzjoni inkorretta tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE fil-liġijiet nazzjonali" (24 Stat Membru — BE, BG, CY, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PT, RO, SE, SI, SK, UK) • **Dikjarazzjoni 10** "Mekkaniżmu ta' sanzjoni ineffiċjenti għan-nonkonformità jew rata ta' sanzjoni baxxa għal nonkonformità" (21 Stat Membru — AT, BG, CY, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, IE, LT, LU, MT, NL, PT, RO, SE, SI, SK, UK) • **Dikjarazzjoni 7** "Kwalità u aġġornament insuffiċjenti tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS - Land Parcel Identification System)" (17-il Stat Membru – BE, BG, DE, DK, ES, FI, FR, HU, IE, LT, LU, NL, PL, SE, SI, SK, UK) • **Dikjarazzjoni 16** "Introduzzjoni insuffiċjenti ta' bidliet legali ġodda u / jew oqfsa regolatorji u / jew proċedurali li x'aktarx ikollhom impatt sinifikanti fuq x'jikkawża l-iżbalji (16-il Stat Membru – AT, BG, CY, DE, DK, EL, ES, FR, IE, LT, LU, NL, PT, RO, SE, SK).

Analiżi addizzjonali għal kull qasam ewlieni ta' nefqa tal-UE sar ukoll li jikkonferma t-tendenzi tat-tweġibiet ikkonsolidati, ħlief għal dawn li ġejjin:

- *Għall-PAK u l-politika ta' koeżjoni*, l-Istati Membri għandhom ukoll l-ogħla punteġġ b'mod sħiħ bħala "kompletament rilevanti" għal kawżi fundamentali ta' żbalji ta' għarfien suffiċjenti fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-appalti u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u *għall-PAK biss* — regoli ta' eliġibbiltà kumplessi.
- *Għall-politika ta' koeżjoni*, l-Istati Membri kklassifikaw fuq nett bħala "mhux rilevanti" għall-kawża ewlenija tal-iżbalji minħabba użu aħjar ta' informazzjoni biex jiġu identifikati u korretti l-iżbalji.

L-Istati Membri pprovdew eżempji ta' azzjonijiet li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-iżbalji:

i) Simplifikazzjoni tar-regoli

Diversi Stati Membri, pereżempju DE, EL, FR, HR, HU, PT, SE, UK ikkunsidraw li regoli kumplessi, għadd ikbar ta' leġiżlazzjoni u ġurisprudenza, differenzi legali u tal-awditjar meta jkunu qed jiġu interpretati diversi dispożizzjonijiet u regoli legali, dokumentazzjoni tal-awditjar u piż amministrattiv eċċessivi, il-bżonnijiet ta' bini tal-kapaċità amministrattiva, diffikultajiet fl-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet minn dispożizzjonijiet legali ġenerali jew regoli huma fost il-kawżi ewlenin għal riskji għolja u żbalji fin-nefqa tal-UE.

Biex tkun irranġata s-sitwazzjoni fl-Istati Membri, pereżempju CZ, DE, DK, FI, FR, LT, LU, LV, MT, NL, PT, SI, SK, UK, iddikjaraw li huma jkomplu bl-isforzi ta' simplifikazzjoni tagħhom bħal simplifikazzjoni tar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà għal minimu meħtieġ u mhux

regolamentazzjoni żejda tar-regolamenti tal-UE, jużaw Għażliet Simplifikati fir-rigward tal-Ispejjeż, għotjiet ta' somom f'daqqa, l-użu ta' spejjeż indiretti jew spejjeż unitarji jew l-ispejjeż medji, l-introduzzjoni ta' rata standard b'rata fissa għal spejjeż indiretti jew għażliet provduti fil-qafas legali u atti delegati assoċjati.

Eżempju li ġie pprovdut minn DE[3] li wieġbet li "għal programm operazzjonali taħt l-FSE għall-2014–2020 fil-livell federali, is-sistema ta' saldu għal ħames linji gwida dwar l-għajnuna ġiet issimplifikata b'suċċess, b'tali mod li kien biss l-infiq tal-persunal u l-miżati professjonali li ġew imħallsa individwalment. L-ispejjeż l-oħra kollha, bħal tal-amministrazzjoni indiretta u spejjeż materjali, huma issa mħallsa bl-applikazzjoni ta' rata fissa, minbarra l-ispejjeż tal-persunal u t-tariffi mħallsa individwalment. Ma huwa meħtieġ l-ebda dokument ta' prova għal spejjeż imħallsa bl-applikazzjoni ta' rata fissa".

Ta' min jinnota li, b'mod ġenerali, l-Istati Membri qiesu l-miżuri ta' simplifikazzjoni bħala esperjenza pożittiva u prattiki tajba.

L-Istati Membri kisbu esperjenza prattika b'opportunitajiet għas-simplifikazzjoni. Madankollu, hija meħtieġa iktar simplifikazzjoni u b'mod partikolari għandu jitqies, tnaqqis tal-piż amministrattiv u l-effiċjenza tal-kontrolli bi prezz raġonevoli.

ii) *Titjib ulterjuri tas-sistemi u promozzjoni ta' prattiki tajba*

L-Istati Membri qed ikomplu bl-isforzi tagħhom sabiex itejbu s-sistemi għall-ġestjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) billi jiffokaw fuq miżuri preventivi u prattiki tajba f'firxa wiesgħa ta' oqsma, pereżempju:

- L-iżvilupp ta' pjan ta' implimentazzjoni tal-akkwist, li jistabbilixxi Tim tal-Akkwist dedikat biex jipprovdi pariri, u s-sistemi tal-IT għall-akkwist pubbliku.
- Twettiq ta' verifiki ta' ġestjoni u awditi tas-sistemi (b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli tal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat) qabel il-ħlas tal-infiq tal-UE u / jew qabel il-pagament finali, jekk u fejn ikun possibbli.
- Pjanijiet ta' azzjonijiet ta' implimentazzjoni, notevolment fir-rigward ta' sospensjonijiet u interruzzjoni ta' skadenzi tal-pagament, li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-iżbalji, nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll u n-nuqqasijiet fl-infiq tal-UE.
- It-twettiq ta' laqgħat mal-benefiċjarji, mal-partijiet interessati u l-awtoritajiet lokali li huma reċipjenti ewlenin tal-għotjiet u tal-fondi tal-UE biex jiddiskutu eliġibilità komuni, l-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat u kwistjonijiet oħra u jiżviluppaw studji ta' każijiet tal-aqwa prattika li saru.

Kondizzjonalitajiet ex ante fil-qasam tal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat kienu utli biex ipoġġu fis-seħħ miżuri preventivi u għat-titjib fis-sistemi għall-perjodu ta' programmar 2014–2020.

L-Istati Membri huma impenjati li jiżguraw sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jiffunzjonaw b'mod effettiv. Madankollu, hemm aktar ħtieġa għal għarfien espert aħjar, kondiviżjoni tal-esperjenza u t-tixrid tal-prattiki tajba fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

iii) *It-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' prevenzjoni u korrettivi*

Diversi Stati Membri (pereż. AT, BE, CY, LU, IE, PL, PT, SK) saħqu dwar l-importanza ta' miżuri proattivi, preventivi, ta' sejbien u korrettivi fil-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-politika ta' koeżjoni, b'enfasi partikolari fuq pereżempju taħriġ kontinwu, gwida komprensiva u

[3] SWD, paġna 250.

listi ta' kontroll dettaljati, u t-tneħħija ta' kundizzjonijiet li huma diffiċli li wieħed jikkonforma magħhom jew li jiġu vverifikati. Miżuri oħrajn jinkludu laqgħat bejn l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali kompetenti u l-promoturi tal-proġetti tal-UE u l-partijiet interessati (b'mod partikolari biex jiddiskutu l-ġestjoni u l-funzjonament tal-Fondi tal-SIE, ir-regoli tal-eliġibbiltà eċċ.), u ta' sistema ta' valutazzjoni tar-riskju u jagħmluha possibbli li jiffokaw l-ispezzjonijiet fuq il-kategoriji ta' nfiq riskjużi. Għall-miżuri ta' investiment, kontroverifiki kompjuterizzati ġodda ta' ħlasijiet kurrenti u ħlasijiet li saru diġà ssemmew ukoll flimkien ma' kontroverifiki msaħħa tal-informazzjoni ġeografika ddikjarata fl-applikazzjoni għall-għajnuna u l-informazzjoni miġbura matul żjarat fil-post.

Diversi Stati Membri, pereżempju CZ, LT, LV, NL, RO, SI, semmew, fil-kuntest tal-PAK, l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-iżbalji, li jintbagħtu regolarment lill-Kummissjoni. FR ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li l-pjanijiet ta' azzjoni tal-FAEG u tal-FAEŻR, ikkontribwixxew għal ċerti riskji u kawżi prinċipali tal-iżbalji.

Xi Stati Membri enfasizzaw it-titjib fil-kapaċità tagħhom ta' prevenzjoni li ġew imfassla skont il-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020. Pereżempju, PL[4] indikat li għall-koeżjoni "il-Kummissjoni Ewropea implimentat mekkaniżmu ta' preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa annwali akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' ġestjoni u sommarju annwali tar-rapporti finali minn verifiki u spezzjonijiet, li kkontribwew għal intensifikazzjoni tal-attivitajiet ta' kontroll qabel l-iżvelar tal-infiq f'dikjarazzjonijiet annwali".

It-tagħlimiet meħuda wasslu biex tissaħħaħ il-kapaċità korrettiva u preventiva u funzjonalitajiet tal-IT aħjar li jtejbu l-effiċjenza tal-kontrolli.

iv) Analiżi tar-riskju

Xi Stati Membri, pereżempju BG, DE, FR, MT, NL, spjegaw li l-valutazzjoni tar-riskju u l-analiżi huma proċess kontinwu li għandu jieħu inkunsiderazzjoni diversi kontrolli u riżultati tal-verifika sabiex notevolment jidentifikaw il-kawżi ewlenin tal-iżbalji.

PL[5] għamlet referenza għal valutazzjoni *ex ante* mwettqa f'dak li għandu x'jaqsam mal-verifikabbiltà u l-kontrollabbiltà tal-miżuri speċifiċi fi ħdan il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali 2014–2020. Hija rreferiet għal-linji gwida tal-Kummissjoni fil-qasam "Verifikabbiltà u kontrollabbiltà tal-miżuri: Valutazzjoni tar-riskji ta' żbalji". Il-valutazzjoni kkunsidrat prattiki, esperjenzi u r-riżultati ta' kontroll minn perjodu ta' programmazzjoni preċedenti".

CY[6] wieġeb għall-koeżjoni li "metodoloġija tat-teħid ta' kampjuni ġiet żviluppata, filwaqt li titqies il-valutazzjoni tar-riskji identifikati u l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi, preventivi u proporzjonati kontra l-frodi".

ES[7] semmiet għall-FSE li "sistema ta' analiżi tar-riskju u l-prevenzjoni tal-frodi ġiet imfassla li tikkonsisti minn strument ta' awtovalutazzjoni għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tar-riskji fin-nefqa tal-UE għall-2020–2014". HU[8] indikat ukoll li "l-awtoritajiet ta' ġestjoni jwettqu valutazzjoni tar-riskju ta' frodi fuq bażi annwali skont il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar is-suġġett".

L-Istati Membri kkunsidraw li mhuwiex possibbli li jiġu evitati żbalji minuri bi spiża raġonevoli.

Tekniki tal-analiżi tar-riskju jikkontribwixxu biex jiġu ffokati aħjar il-kontrolli u r-riżorsi. Madankollu, mhuwiex possibbli li jiġu evitati żbalji minuri bi spiża raġonevoli.

[4] SWD, paġna 355.
[5] SWD, paġna 357.
[6] SWD, paġna 189.
[7] SWD, paġna 448.
[8] SWD, paġna 279.

v) *Ir-relazzjoni bejn il-bażi għall-ħlas u l-livell stmat ta' żbalji fin-nefqa tal-UE*

Hemm varjazzjoni wiesgħa fit-tweġibiet tal-Istati Membri dwar l-eżistenza ta' relazzjoni bejn il-bażi tal-pagamenti (rimborż tal-ispejjeż u l-intitolament) u l-livell ta' żbalji fl-oqsma ta' nfiq importanti tal-UE.

Diversi Stati Membri laqgħu l-argument li teżisti tali relazzjoni. Pereżempju, IE[9] indikat li 'l-korrelazzjoni bejn il-bażi għall-ħlas u l-livell ta' żball huwa evidenti. F'każijiet fejn il-bażi tal-ħlas huwa aktar statiku, bħal f'oqsma fejn il-kalkoli huma bbażati fuq intitolamenti li mhumiex soġġetti għal varjazzjoni kbira matul iż-żmien, il-livell ta' żbalji għandu t-tendenza li jkun baxx. Madankollu fi skemi aktar kumplessi bħal dawk li jinvolvu l-preżentazzjoni ta' informazzjoni bħal fatturi u rċevuti biex jiffurmaw il-bażi tal-pagament, ir-riskju ta' żbalji huwa ħafna ogħla. L-esperjenza tal-FSE hija, aktar ma jkunu kumplessi l-bażi u r-regoli għall-pagament, akbar ikun ir-riskju ta' żbalji relatati ma' tali pagamenti. Madankollu, għall-FEŻR, il-livell ta' żball jiżdied kull meta jkun hemm dewmien sinifikanti bejn l-implimentazzjoni tal-proġett u ċ-ċertifikazzjoni".

Stati Membri oħra fformulaw pożizzjonijiet differenti għall-agrikoltura u l-politika ta' koeżjoni. Pereżempju, LV[10] semmiet li "l-livell ta' żball huwa dipendenti fuq in-natura ta' proġett aktar milli n-nefqa. Miżuri li jappoġġaw tip ta' investiment jinvolvu riskju ħafna ogħla ta' żball minn pagament dirett / pagament ta' qasam ta' miżuri ta' appoġġ, minħabba li l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna għal investiment hija kumplessa, twila u wiesgħa, hija bbażata fuq il-prestazzjoni, verifiki dettaljati u intensiva fuq ir-riżorsi umani".

> ***L-Istati Membri għandhom fehmiet li pjuttost ivarjaw dwar relazzjonijiet possibbli bejn il-bażi tal-pagamenti (rimborż u intitolament tal-kost) u l-livell ta' żbalji.***

2.2. L-EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE

L-Istati Membri pprovdew eżempji tar-rabtiet bejn il-prijoritajiet tal-UE fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020 (inkluż Orizzont 2020) u l-prijoritajiet nazzjonali. Huma semmew ukoll il-miżuri meħuda biex isegwu sinerġiji u komplementarjetajiet bejn il-Fondi SIE u l-programmi nazzjonali. Fl-aħħar nett, tpoġġiet enfasi partikolari fuq it-tweġibiet tal-Istati Membri dwar ir-rabtiet bejn il-prijoritajiet politiċi tal-UE u proġetti ffinanzjati mill-UE, kif ukoll dwar sistema orjentata lejn ir-riżultati u l-monitoraġġ.

i) *Ir-rabta bejn il-prijoritajiet politiċi tal-UE u l-prijoritajiet nazzjonali*

P Diversi Stati Membri, pereżempju CY, CZ, EL, FR, HU, IE, LU, MT, PT, PL, SI, SK, UK, spjegaw li l-Ftehimiet ta' Sħubija jiddeskrivu fil-qosor il-ħtiġijiet ta' żvilupp ta' kull pajjiż u jistipulaw sommarju tar-riżultati prinċipali mistennija għal kull objettiv tematiku magħżul (isarrfu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020) kif mitlub mil-leġiżlazzjoni tal-UE. Huma wkoll jikkonċentraw ir-riżorsi fuq għadd limitat ta' oqsma politiċi li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020. Din l-enfasi hija żgurata permezz ta' "għażla" ta' ħdax-il objettiv tematiku li jsarrfu direttament l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020. Dan jiżgura konċentrazzjoni ta' fondi fuq temi ewlenin ta' tkabbir, b'hekk jimmassimizzaw l-impatt tal-investiment tal-UE.

Għadd importanti ta' Stati Membri, inklużi CZ, CY, DE, DK, EL, FR, HU, IE, LT, RO, SI, ipprovdew tweġibiet aktar dettaljati dwar programmi u kisbiet dwar ir-RuŻ, kif ukoll dwar rabtiet bejn il-prijoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali, u koerenza relatata ma' Orizzont 2020.

[9] SWD, paġna 290.
[10] SWD, paġna 304.

Pereżempju, IE[11] indikat li "prijoritajiet nazzjonali ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni huma stipulati fil-programm għall-Prijoritizzazzjoni tar-Riċerka (PR) li jkopri perjodu ta' ħames snin 2013–2017. L-Istrateġija ta' PR ġiet żviluppata matul il-perjodu 2011–2012 u kienet influwenzata b'mod qawwi mit-temi emerġenti u l-istruttura ta' Orizzont 2020. Għalhekk, il-programmi nazzjonali u tal-UE huma allinjati bil-qawwa".

L-Istati Membri pprovdew ukoll eżempji ta' sinerġiji bejn programmi tal-UE u dawk nazzjonali. Pereżempju, CY[12] semma li "koordinazzjoni aħjar u sinerġiji possibbli massimi bejn il-Fondi kollha jinkisbu prinċipalment permezz tal-ħidma tal-Kumitat ta' Tmexxija ta' Monitoraġġ Strateġiku u Ippjanar. Is-sinerġiji u l-kumplimentarjetajiet bejn il-Fondi SIE u l-programmi nazzjonali huma miksuba minħabba l-azzjonijiet kollha li jirċievu finanzjamenti, jew mill-Fondi SIE jew minn riżorsi nazzjonali huma parti tal-istrateġiji nazzjonali settorjali (pereż. l-istrateġija diġitali, l-istrateġija għall-ġestjoni tal-iskart, l-istrateġija għall-adattament għat-tibdil fil-klima, eċċ.)".

L-Istati Membri huma impenjati li jżidu l-iffokar fuq ir-rabta bejn il-prijoritajiet politiċi tal-UE, bħall-Ewropa 2020, Orizzont 2020, u l-prijoritajiet nazzjonali.

ii) *Rabta bejn proġetti ffinanzjati mill-UE u l-prijoritajiet politiċi tal-UE*

Diversi Stati Membri, pereżempju DE, PT, UK innotaw li l-qafas regolatorju tal-UE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 irrikjeda li jkun hemm rabta bejn il-prijoritajiet tal-UE u l-użu tal-Fondi SIE. Il-miri huma stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Sħubija u l-programmi operazzjonali rispettivi għal kull Fond SIE. L-Istati Membri, pereżempju PT, semmew ukoll il-kontribut ta' xi oqsma tematiċi bħar-RuŻ, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali għall-prijoritajiet tal-UE.

DE[13] b'mod partikolari ssottolineat li, "il-punt tat-tluq tal-istrateġija għal kull Programm Operazzjoni FERŻ hija ż-żieda fil-kontribuzzjoni tal-*Bundesland* lejn tkabbir smart, sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa u biex jiġi indirizzat t-tħassib komuni tal-għajnuna tal-Fondi SIE. L-objettivi tematiċi u l-prijoritajiet ta' investiment stabbiliti minn kull *Land* diġà ġew marbuta mal-Istrateġija Ewropa 2020. Indikaturi tal-output kienu introdotti fil-livell tal-proġett. Minħabba li kull assi prijoritarju u għalhekk kull azzjoni huwa parti minn sistema ta' valutazzjoni / prestazzjoni li tipprovdi biex jintlaħqu l-valuri fil-mira speċifiċi bħal indikaturi tar-riżultati, hemm rabta awtomatika mal-għanijiet ta' Ewropa 2020. Din hija r-raġuni għaliex (bażikament) l-ebda sistema ta' kejl addizzjonali ma kienet / se tkun stabbilita".

RO[14] wieġbet li "programmi operazzjonali ffinanzjati mill-Fondi SIE 2014–2020 ġew elaborati primarjament filwaqt li jitqiesu l-miri ta' Ewropa 2020, ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż, u l-istrateġiji settorjali Ewropej rilevanti."

Il-prijoritajiet politiċi tal-UE, bħall-Ewropa 2020, huma marbuta permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-UE prinċipalment permezz tal-qafas tal-prestazzjoni minqux fil-Ftehimiet ta' Sħubija u Programmi Operattivi.

iii) *Sistema orjentata lejn ir-riżultati ta' proġetti ffinanzjati mill-UE*

Diversi Stati Membri, pereżempju AT, DE IE, FR, LU, SI, SK, UK, semmew li l-orjentazzjoni tar-riżultati tal-programmi u tal-proġetti hija stabbilita skont ir-rekwiżiti legali għall-perjodu 2014–2020. Huma jirreferu għal identifikazzjoni ta' loġika ta' intervent soda għal kull diżinn ta'

[11] SWD, paġna 290.
[12] SWD, paġna 191.
[13] SWD, paġna 253.
[14] SWD, paġna 402.

programm li jistabbilixxi l-objettivi speċifiċi li għandhom jinkisbu (indikaturi, output, riżultati) b'linja ta' bażi, stadji importanti u miri. Madankollu, l-iżgurar tal-konsistenza fit-terminoloġija relatata mal-prestazzjoni tibqa' sfida.

L-Istati Membri jesprimu fehmiet li jvarjaw dwar l-utilità li jiġu stabbiliti objettivi fil-livelli kollha ta' implimentazzjoni. Pereżempju, CZ[15] semmiet li "fil-kuntest ta' programmar, għal kull objettiv speċifiku, ġew stabbiliti indikaturi biex jiżguraw li jkunu jistgħu jitkejlu l-output u r-riżultati assoċjati, direttament relatati mal-għanjiet tal-programm" u li "b'mod ġenerali, madankollu, nippreferu li niffokaw primarjament fuq ir-rabta bejn indikaturi kkwantifikati u tar-riżultati iżjed milli monitoraġġ tal-indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-proġett. Minħabba n-natura tal-indikaturi tar-riżultati, spiss ikun diffiċli li jsiru monitoraġġ u evalwazzjoni f'tali dettall".

AT[16] għall-agrikoltura wieġbet li "teżisti b'mod ċar rabta ma' dispożizzjonijiet nazzjonali u li rabta fil-livell ta' proġett, madankollu, tkun tinvolvi aktar burokrazija".

DE[17] spjegat li 'sett ta' indikaturi jkejlu jekk l-għanijiet ikunux intlaħqu bl-użu ta' indikaturi tal-produzzjoni fil-livell tal-proġett u indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-programm. L-ebda indikaturi tar-riżultati ma huma stabbiliti fil-livell tal-proġetti (skont il-bażijiet legali rilevanti). L-indikaturi tar-riżultati juru li mhemm ebda bidliet fis-sitwazzjoni u b'mod regolari jkejlu s-sehem relattiv. Mhuwiex possibbli li dan isir għal proġetti individwali. Huwa preżunt li hemm bżonn ta' numru ta' proġetti qabel ma jsiru evidenti l-bidliet u li jkun possibbli li dawn jitkejlu. Din hija r-raġuni għaliex l-indikaturi klassiċi tar-riżultati jiġu vvalutati biss fil-livell tal-programm."

L-ideat tal-Istati Membri qed jinbidlu b'enfasi akbar fuq ir-riżultati minħabba li jagħmlu sforzi biex jintroduċu oqfsa ta' prestazzjoni. Dan jiżgura li l-programmi u l-proġetti tal-UE jkollhom impatt f'ħafna modi differenti u fuq diversi livelli. Madankollu, l-iżgurar tal-konsistenza fit-terminoloġija relatata mal-prestazzjoni tibqa' sfida.

iv) Il-qafas ta' monitoraġġ

B'mod ġenerali, l-Istati Membri poġġew il-monitoraġġ ta' sistemi orjentati lejn ir-riżultati f'perspettiva akbar billi rreferew għal evalwazzjonijiet *ex ante* għall-finijiet ta' tħejjija ta' ftehimiet ta' sħubija u programmi operazzjonali u / jew evalwazzjonijiet, studji u valutazzjonijiet tal-impatt oħra li huma previsti għall-perjodu 2014–2020. It-tweġibiet tagħhom jenfasizzaw ukoll diversi referenzi li għaddejjin u valutazzjonijiet regolari u permanenti ta' monitoraġġ għall-kisba ta' objettivi ġenerali u speċifiċi, (komuni) indikaturi tal-produzzjoni u tar-riżultati. Xi Stati Membri (pereż. DE, FR, PL) indikaw ukoll l-istabbiliment ta' miri u tragwardi għall-2023.

B'mod aktar partikolari, diversi Stati Membri rreferew għal xi dispożizzjonijiet regolatorji li jsaħħu l-kredibbiltà tad-*data* għall-monitoraġġ tat-twettiq tal-għanijiet tal-politika fil-perjodu 2014–2020, bħall-użu obbligatorju ta' indikaturi komuni b'linji bażi, stadji importanti u miri, u standards ta' kejl uniformi fl-UE kollha.

BE[18] wieġeb li "s-sistema ta' monitoraġġ tal-programm operattiv "Wallonia-2020.EU" għandu l-għan li jissorvelja l-ilħuq tal-objettivi u l-miri tal-indikaturi stabbiliti. Barra minn hekk, punti ta' referenza ġew definiti sabiex jissorveljaw il-progress tar-riżultati li se jwasslu sabiex jintlaħqu l-għanijiet. Fl-aħħar nett, il-pjan ta' evalwazzjoni tal-Wallonja, approvat mill-Kumitat ta' Superviżjoni fil-11 ta' Diċembru 2015, jipprevedi li jitwettqu evalwazzjonijiet sabiex jivvalutaw il-kisba tal-objettivi ta' kull assi (b'konċentrazzjoni partikolari fuq l-impjiegi li jinħolqu)".

[15] SWD, paġna 204.
[16] SWD, paġna 124.
[17] SWD, paġna 254.
[18] SWD, paġna 132-133.

FR[19] indikat li 'għall-FEŻR il-monitoraġġ tal-eżiti se jitwettaq fil-livell tal-proġett filwaqt li l-monitoraġġ tar-riżultati se jsir fil-livell makro kontra l-objettivi speċifiċi li għandhom jinkisbu. Ir-regolamenti ma jipprovdux għall-monitoraġġ tal-indikaturi tar-riżultati fil-livell tal-proġett. Għall-FSE, il-monitoraġġ tal-eżiti u r-riżultati se jsir fil-livell tal-proġett".

Fl-aħħar nett, minn perspettiva organizzattiva, eżempju minn HU[20] jista' jingħata bit-"task force ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, li tissorvelja l-indikaturi, l-indiċijiet ta' politika u r-rekwiżiti orizzontali stabbiliti fis-sistema ta' monitoraġġ u informazzjoni, kif ukoll l-unità ta' monitoraġġ ċentrali li tissorvelja *inter alia* l-indikaturi tal-prestazzjoni fuq bażi ta' kull xahar, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' ġestjoni".

L-Istati Membri qed jirriflettu dwar kif għandu jiġi mmonitorjat il-progress lejn il-kisba tal-objettivi u r-riżultati tal-finanzjament tal-UE f'perjodu ta' żmien qasir, medju u twil.

2.3. SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QORTI LILL-ISTATI MEMBRI

L-Istati Membri kważi unanimament wieġbu li huma jkunu stabbilew sistemi għas-segwitu ta' rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti fir-rapporti annwali u speċjali tagħha. Xi Stati Membri spjegaw li r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u tal-Kummissjoni jiġu mmonitorjati mill-awtoritajiet kompetenti għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE, inklużi korpi ta' ċertifikazzjoni u ta' verifika. Madankollu, l-proċessi ta' segwitu jvarjaw:

DK[21] indikat għall-FAEŻR / FAEG li "mill-2012 l-Aġenzija Daniża Agrifish segwiet b'mod sistematiku r-rakkomandazzjonijiet kollha mill-awditjar. Il-ġestjoni hija infurmata kull trimestru bl-iżviluppi u tkun tista' tieħu l-miżuri xierqa. L-unitajiet rilevanti jirċievu wkoll rapporti speċjali, rapporti, eċċ.) għal skopijiet ta' informazzjoni, anke jekk ma jkun fihom l-ebda rakkomandazzjonijiet speċifiċi għad-Danimarka".

DE, IE, u LU nnotaw li r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti huma wkoll segwiti permezz ta' fora differenti fuq livell tal-UE organizzat mill-Kummissjoni jew waqt il-laqgħat bilaterali strutturati mal-Kummissjoni. LU u SE indikaw li r-rapporti tal-Qorti u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill jiġu trattati fi gruppi ta' ħidma tal-Kunsill.

PT[22] wieġeb li "sistema ta' informazzjoni qed tiġi żviluppata bħalissa. Din għandha tinkludi l-informazzjoni kollha dwar kontrolli / verifiki relatati mal-fondi u r-riżultati ta' dawn il-kontrolli u l-verifiki. Din is-sistema se tkun użata biex issegwi kwalunkwe rakkomandazzjoni magħmula u biex tikkoreġi kwalunkwe żball skopert."

F'termini ta' segwitu trasversali fil-livell nazzjonali, DE[23] semmiet li "l-korpi federali u reġjonali rilevanti jiddiskutu regolarment flimkien is-sorsi l-aktar frekwenti ta' żbalji u rimedji possibbli. Dan jinkludi wkoll it-twaqqif ta' gruppi ta' ħidma tematiċi federali u reġjonali dwar is-sejbiet tal-QEA, li fin-natura tagħhom huma sistemiċi u transreġjonali (pereż. mill-grupp ta' esperti tal-awtorità ta' verifika tal-ESIF dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat)".

Fl-aħħar nett, AT[24] semmiet li "fil-prinċipju, l-ebda rakkomandazzjonijiet ma jsiru lill-Istati Membri speċifiċi fir-Rapport Speċjali jew Annwali tal-QEA. Deskrizzjonijiet tas-sejbiet għandhom it-tendenza li jibqgħu ġenerali ħafna u ta' spiss ma jkunux immirati lejn Stat Membru speċifiku jew saħansitra lejn xi programm jew proġett partikolari. Dan jagħmel is-segwitu aktar diffiċli. F'kullkaż, għall-FEŻR, segwitu xieraq jingħata għal sejbiet individwali stabbiliti matul il-verifiki".

---

19 SWD, paġna 245.
20 SWD, paġna 283-284.
21 SWD, paġna 215.
22 SWD, paġna 386.
23 SWD, paġna 255.
24 SWD, paġna 126.

L-Istati Membri huma impenjati li jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti iżda jeżistu varjazzjonijiet wiesgħa fis-sistemi u proċessi ta' segwitu.

3. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni hija impenjata li tkompli taħdem mill-qrib mal-Istati Membri lejn livelli aktar baxxi ta' żball, ġestjoni finanzjarja mtejba u valur miżjud għall-baġit tal-UE.

L-Istati Membri juru fit-tweġibiet tagħhom li huma konxji dwar il-kawżi fundamentali ewlenin tal-iżbalji u huma impenjati biex ikomplu jaħdmu biex jiżguraw sistemi ta' mmaniġġar u kontroll li jiffunzjonaw b'mod effettiv. L-Istati Membri jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-iżbalji billi jużaw diversi opportunitajiet ta' simplifikazzjoni u jsaħħu l-kapaċità preventiva u korrettiva tagħhom, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-lezzjonijiet mitgħallma, teknoloġiji tal-IT msaħħa, għodod għall-estrazzjoni tad-*data*, u tekniki ta' ġestjoni tar-riskju. L-Istati Membri wkoll jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni, jekk ikun hemm bżonn, li dwarhom jirrappurtaw b'mod regolari lill-Kummissjoni. Kondizzjonalitajiet *ex ante*, partikolarment fil-qasam tal-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, ukoll intużaw għal miżuri preventivi u għat-titjib fis-sistemi għall-perjodu ta' programmar 2014–2020.

It-tweġibiet jikkonfermaw li l-Istati Membri japplikaw kontroll multiannwali u ċiklu ta' verifika, u li l-miżuri korrettivi jistgħu jiġu implimentati qabel l-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni. F'rabta ma' dan, il-Polonja[25] saħqet li "ir-rata annwali ta' żball ikkalkulata mill-Qorti tal-Awdituri għandha titqies fil-kuntest tal-karattru pluriennali tal-interventi tal-UE (inklużi korrezzjonijiet finanzjarji netti u l-ammonti rkuprati)". L-Istati Membri kkunsidraw ukoll li mhuwiex possibbli li jiġu evitati żbalji minuri bi spiża raġonevoli.

L-Istati Membri huma impenjati li jiżguraw rabta bejn il-prijoritajiet politiċi tal-UE ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ u l-prijoritajiet nazzjonali. It-tweġibiet tagħhom juru li huma jqisu l-prijoritajiet tal-UE meta jidentifikaw l-iżviluppi orjentazzjonijiet ta' politika nazzjonali, żviluppi ta' tmexxija, u l-implimentazzjoni ta' miżuri nazzjonali, pereżempju skont ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi.

It-tweġibiet ta' din is-sena juru li l-prijoritajiet politiċi tal-UE huma marbuta ma' proġetti ffinanzjati mill-UE prinċipalment permezz tal-qafas ta' prestazzjoni stabbilit fil-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operattivi miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. L-ideat tal-Istati Membri qed jinbidlu lejn l-iffukar fuq ir-riżultati hekk kif jagħmlu sforzi u jiddedikaw riżorsi għall-introduzzjoni ta' qafas ta' objettivi ġenerali, objettivi speċifiċi u għanijiet operattivi. Dan jiżgura li l-programmi u l-proġetti tal-UE jkollhom impatt f'ħafna modi differenti u fuq diversi livelli. Madankollu, l-iżgurar tal-konsistenza fit-terminoloġija relatata mal-prestazzjoni tibqa' sfida. Għalhekk, għandha tkompli l-enfasi fuq il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE.

Fl-aħħar nett, l-Istati Membri huma impenjati li jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti iżda jeżistu varjazzjonijiet wiesgħa fis-sistemi u proċessi ta' segwitu.

[25] SWD, paġna 469.

ANNESS I: RIŻULTATI KKONSOLIDATI GĦALL-ISTATI MEMBRI KOLLHA GĦALL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI U KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI

Grafika 1 – Kawżi ewlenin prinċipali fl-oqsma ta' nfiq prinċipali tal-UE magħżula skont "<u>Kompletament rilevanti</u>"



Grafika 2 – Kawżi ewlenin prinċipali fl-oqsma ta' nfiq prinċipali tal-UE magħżula skont "__Mhux rilevanti__"